**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Seduta: COLLISIONS**

**Illum, 16 ta' Lulju, 2020**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Peter Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Peter Borg, bil-karta tal-identità numru 456838M, akkuzat talli:

*…fi 03/02/2014 ghall-habta ta' 09.15hrs f' Bingemma limiti ta' l-Imgarr waqt li kont qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBA 908:*

1. *B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lewis Gauci skond kif iccertifika Dr Thomas Armatys M.D ta' Mater Dei.*

*Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti.

Semghet sottomissjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u pprezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Permezz ta' affidavit, PS 455 Emanuel Sammut spjega li fit-3 ta' Frar 2014 ghal habta ta' 9.15 hrs, ircieva telefonata li fi Triq Bingemma limiti tal-Mgarr, sehhet habta bejn mutur u karozza, u li s-sewwieq tal-mutur kien wegga'. Spjega li meta marru fuq il-post, osservaw li l-kollizzjoni kienet bejn rota u karozza, u din ir-rota kienet misjuqa minn Lewis Gauci. Lewis Gauci kien wiccu 'l isfel b'wiccu kollu demm. Minn investigazzjonijiet, irrizulta li Peter Borg ta' 75 sena spjegalhom li kien niezel in-nizla ta' Bingemma lejn l-Imgarr, u hariglu f'salt wiehed mill-kantuniera, u accidentalment tajjar lis-sewwieq tar-rota. Spjega li meta Lewis Gauci hareg mill-isptar, huwa sostna li kien ghaddej minn go triq dejqa ghal go Triq Bingemma, u li waqaf fit-tarf tat-triq dejqa biex jara jekk hux gejjin vetturi minn fuq zewg nahat. Spjega li kien hemm il-vettura misjuqa minn Borg li harget minn fuq ix-xellug tal-karreggjata opposta u bi speed eccessiv ghal dik iz-zona, u liema triq hija karreggjata doppja, u fejn qabad mar-rota u ghollih, filwaqt li kaxkru mat-triq. Spjega li ghandu l-filmati u ritratti dwar fejn sehh l-incident. Spjega li Lewis Gauci pprezenta certifikat mediku li minnu jirrizulta li l-griehi huma gravi.

**<u>Dr Thomas Armatys</u>** xehed permezz ta' affidavit, fejn spjega li huwa ezamina lil parte civile fit-3 ta' Frar 2014 fl-10.10 am fil-Casualty Department ta' Mater Dei, u sab li dan kien qed isofri minn *abrasions on both hands, abrasions and bruising on the left side of the chest; abrasions over the head and face, laceration above the left eye, swelling of the left thigh, multiple facial bones fractures involving the sinuses and orbit,* u *fracture of the nasal bones.* Huwa kkonkluda li dawn il-griehi huma ta' natura gravi. Fil-25 ta' Marzu 2019, rega' xehed Dr Armatys fejn rega' kkonferma l-griehi elenkati fic-certifikat mediku rilaxxat minnu.

**Lewis Gauci** xehed quddiem din il-Qorti fis-17 ta' Jannar 2019 fuq ordni ta' din il-Qorti, stante li ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn Gauci quddiem din il-Qorti kif precedentement ippreseduta. Dan spjega li l-incident sehh fit-3 ta' Frar 2014, ghal habta tad-disgha ta' filghodu. Fit-tmienja u nofs telaq mid-dar bir-rota. Huwa kien qieghed fuq *stop sign* fit-triq ghal Bingemma mill-Imgarr, fejn hemm statwa ftit 'il boghod tal-Madonna. Qal li huwa kien qieghed fuq *stop sign* u waqaf fil-kantuniera biex jara hux gejja xi karozza mill-karreggjata tal-lemin. Qal li sakemm qed idawwar wiccu minn-naha tal-lemin, ma kien hemm hadd gej. Qal li kien qed idawwar wiccu ghan-naha tax-xellug, u li kien hemm hajt tas-sejjieh, bil-konsegwenza li ma setax jara lil Borg nizel bil-karozza fuq naha l-opposta bi speed eccessiv. Sostna li malli sar l-impatt, il-karozza waqfet tletin metru boghod. Spjega li Borg niezel *wrong side* u b'velocità eccessiva ghal dawk it-toroq. Huwa ndika lill-imputat bhala s-sewwieq in kwistjoni. Sostna li l-vettura kienet 4x4 Toyota mill-antiki u kienet skura. Qal li huwa kien wieqaf ghax kien qed jittawwal min-naha tal-karreggjata tal-lemin. Imbaghad kif kien dawwar wiccu ghan-naha tax-xellug, kif ghadda Borg, qabadlu rota ta' quddiem mal-*bumper* tal-vann tieghu u ghollih fuq is-saqaf, bil-konsegwenza li huwa tar tletin metru 'l boghod bid-daqqa. Qal li Borg waqaf ezatt fejn waqaf hu mal-art.

Sostna li r-rota baqghet fejn kien hemm il-habta. Hija nqasmet bid-daqqa. Spjega li harget mara Ingliza li harget tghinu u tatu wkoll CCTV footage peress li ghandu farmhouse biswit il-kantuniera. Sostna li huwa kien wieqaf u kien qed jittawwal jekk hux gejjin karozzi mil-lemin ghaliex hu ppretenda li l-karozza gejja mill-karreggjata tal-lemin, mentri l-imputat nizel *wrong side* man-naha tal-*left* u qabadlu rota ta' quddiem. Sostna li f'din it-triq, zewg vetturi jghaddu, u infatti gibed ritratt li zewg karozzi fejn xulxin jghaddu, halli b'hekk il-Qorti tkun tista' tikkonstata l-wisa tat-triq. Sostna li li kieku l-imputat kien niezel fil-karreggjata t-tajba, l-impatt ma sehhx.

Qal li mal-impatt, huwa soffra diversi griehi fl-ispalla, fl-eyebrows. Qal li jaqbdu ugigh ta' ras minhabba d-daqqa li qala' fuq naha tax-xellug. Spjega li ghandu l-*muscle* mill-*hip* 'l isfel ghal irkoppa, li huwa maqtugh. Spjega li t-tisbita hadha fuq in-naha tax-xellug ta' gismu. Ghal bidu kien jiehu *painkillers,* u issa irid jaghmel hafna ezercizzju.

**Ernest Ellul** spjega li fit-3 ta' Frar 2014, kien Konsulent imdahhal tal-Emergenza u ra lill-vittma. Sostna li dan kellu nefha madwar l-ghajn xellugija, kellu ferita lacerata zghira li kellha bzonn punti madwar ghajnu x-xellugija, u kellu kontuzjoni

fuq koxtu xellugija. Sostna li l-pazjent kellu fratturi ta' tlett ghadmiet f'wiccu. F'rasu kellu fratturi fi tliet ghadmiet fuq in-naha tax-xellug. Spjega li l-pazjent gie riferut lill-konsulenti u specjalisti relevanti. Il-griehi gew iccertifikati bhala ta' natura gravi per durata.

**L-imputat** xehed li kien niezel lejn l-Imgarr fejn Bingemma, u f'daqqa wahda, il-parte civile hareg bir-rota minn fejn *stop sign* u l-mera. Spjega li dan baqa' diehel fir-rota ta' quddiem. Spjega li huwa kien b'vettura Cruiser. Huwa kien niezel bid-dritt, u kien qed isuq bl-ghoxrin u hamsa u ghoxrin. Qal li huwa kien niezel mit-telgha. Insista li kien hemm l-*istop sign* u baqa' hiereg, u baqa' diehel fir-rota ta' quddiem tan-naha tas-sewwieq. Spjega li dan gie fuq il-*bonnet*. Spjega li l-parte civile hareg minn sqaq bis-sahha. Qabel sehh l-incident, huwa spjega li ma rax lill-parte civile. Huwa sabu mal-karozza, u lanqas ra lill-parte civile jieqaf hdejn *stop sign*.

In kontro-ezami, huwa spjega li fuq ir-ritratt li ezebixxa, huwa mmarka minn fejn kien hiereg il-parte civile. Qal li huwa kien gej bid-dritt. Spjega li kien sejjer ghal Imgarr. Qal li kien hemm mera, kif ukoll hemm *stop sign* fuq in-naha minn fejn hareg il-parte civile. Spjega li l-parte civile hareg min-naha tal-i*stop sign*, u mhux minn naha fejn hemm il-mera. Mistoqsi kif il-vettura tieghu kienet fuq in-naha l-ohra tat-triq, l-imputat spjega li hemmhekk kien hemm vettura bil-*puncture* ipparkjata, u kien hemm wisa' bizzejjed. Spjega li huwa kien qed isuq fin-nofs tat-triq. Ikkonferma li huwa resaq aktar lejn in-nofs biex jibqa' ghaddej u ma jahbatx gol-vettura li kien hemm wieqfa bil-*puncture*. Huwa spjega li l-istop sign raha x'hin saret il-habta. Spjega li hemm hajt mahrug xi sitt piedi 'l barra minn fejn hareg il-parte civile. Insista li huwa kien qed isuq bid-dritt u sabu fil-vettura tieghu. Spjega li bid-daqqa, il-parte civile tela' fuq l-*bonnet*, u mbaghad, huwa zamm il-*brake* bil-mod, ghax kieku ghafas il-brake f'daqqa, bid-daqqa, il-parte civile kien jispicca mixhut fl-ghalqa. Spjega li l-parte civile tgerbeb erba' darbiet minn fuq il-*bonnet* ghal fl-art.

**Ikkunsidrat**

Illi r-regolament 76 tal-legislazzjoni sussidjarja 65.11 (Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur) jghid li:

*76. Triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritta ghas-sewqan u t-traffiku fit-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa' lil dak tat-triq principali, izda d-driver ta' kull vettura sew fi triq principali sew f'wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera.*

Illi kif dejjem gie ritenut,

*"ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta , u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri id-driver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd ."* (Kollez. Vol. XXXVI , iv . p.797 ).

Gie ukoll ritenut li is-"*side road user*" ghandu dritt li jaqsam gol "*main road*" meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg , 12.11.1960 ) u li "side road user" irid jidhol go "main road" bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux." (App. Krim. Pul. vs. Giuseppe Galdes, Vol. XXXVII , iv. p. 1108)".

Illi fid-decizjoni moghtija fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet, Gasan Mamo Insurance Limited noe et vs Raymond Vella, il-Qorti qalet hekk:

*"Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "main road user". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "side road user", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" – Il-Pulizija vs. Anthony Galea, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); Joseph Rizzo vs. Paul Micallef, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974;*

Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "*min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera.*

*Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue, Appell Civili, 2 ta' April 1976".*

Fil-kawza "Il-Pulizija vs Pawlu Borg" (Vol. XXXVI-I-page 797) il-Qorti qalet "*ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent sia jekk ikun fi triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer tidhol fiha, huma nitriwittiv, u hu principju affermatt f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi d-driver li sejjer jidhol fit-triq id-dritta, minn triq ohra ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni li jkun sejjer jaqsam l-"stream of traffic" li jkun hemm fit-triq id-dritta; mentri d-driver fuq it-triq id-dritta, ladarba sejjer ikompli ghad-dritt, ma jkunx sejjer ifixxkel lil hadd."*

Ghalhekk b'mod generali, id-dover tas-sewwieq li jkun sejjer jaqsam triq principali u jiddisturba l-kors normali tat-traffiku, ghandu grad ta' attenzjoni ferm aktar gholi minn dak is-sewwieq li jkun ghaddej fuq triq principali, fejn allura, is-sewwieq tat-triq sekondarja, ghandu l-obbligu u l-kompitu li jaccerta ruhu li jkun jista' johrog mit-triq sekondarja minghajr perikolu u tfixxkil ghall-utenti l-ohra.

Illi l-Highway Code imbaghad jiddisponi fir-regolamenti 212 u 213:

*212. "Jekk ma jkunx muri xort'oħra, it-traffiku fit-triq principali għandu d-dritta fuq it-traffiku li jkun qed jaqsam, li jkun dieħel, jew li jkun se jħalli t-triq principali."*

*213. "F'salib it-toroq jew għaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja għandu jagħti d-dritta lit-traffiku li jkun għaddej fi, jew li jkun ħiereg minn, it-triq principali."*

Kif spjegat din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fid-decizjoni fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spt.Mario Tonna) vs Joanne Persiano, deciza fl-24 ta' Marzu, 2010, dana jfisser illi *minor road user*, irid josserva tliet regolamenti importanti u cioè:

1. li jersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju bil-hsieb li jaccerta ruhu li bil-fatt biss li jkun ser jirfes fuq it-triq principali ma kienx sejjer ifixkel it-traffiku fuq dik it-triq.

2. li jaccerta ruhu li ma kienx hemm traffiku fuqha. Jew almenu, jekk kien hemm traffiku, kien tant 'il boghod, li l-hrug tieghu fuqha ma kien bl-ebda mod se jfixkel lil dak it-traffiku.

3. li ccaqlaq ghal fuq il-karreggjata principali bil-mod il-mod *inching out* u jekk mehtieg, jieqaf ghal kollox biex jesplora dik it-triq u biex jistenna lit-traffiku jghaddi.

Illi l-Qorti tosserva li dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (Vide Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri (16.3.1961); Il-Pulizija vs. John Polidano (3.11.1963); Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Mario Abela, fit-30 ta' Gunju 2017, fejn intqal :

*"Illi m'hemmx dubbju li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghal fuq triq principali ghandu juża l-massima prudenza u diligenza; u li min ikun qieghed isuq fit-triq ewlenija ghandu wkoll juza d-diligenza huwa u joqrob lejn kantuniera ta' triq laterali anke jekk din tkun wahda sekondarja. Ghalkemm ghandu l-precedenza, jew "id-dritta", il-main road user m'ghandu l-ebda brevett ta' immunita u jista' jsir, fic-cirkostanzi kongruwi, a main road abuser. Hija ligi li "d-driver ta' kull vettura sew fi*

*triq principali sew f'wahda sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha f'kull kantuniera" (Regolament 76, Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, L.S.65.11). B'mod partikolari, ghandu l-obbligu li ma jaghmilx manuvra ta' surpass fejn triq laterali. Il-Kodici ghat-Traffika fit-Triq jirrakkomanda, bhala mgieba prudenzjali, biex ma "Taqlax vetturi ohra meta tkun qed tavvicina…triq li taghqad m'ohra" (Paragrafu 184) u biex "qatt taqla' vettura ohra qabel ma tkun cert li tista' taghmel dan minghajr periklu ghalik jew ghal haddiehor…" (Paragrafu 181). Hekk ukoll il-Highway Code Ingliz jirrakkomanda: "Do not overtake where you might come into conflict with other road users. For example approaching a road junction on either side of the road" (Paragraph 143). Dejjem skont l-istess Highway Code Ingliz, "take extra care at junctions. You should watch out for… motorcylists… as they are not always easy to see" (Paragraph 146). Fost l-utenti tat-triq vulnerabbli, l-istess Highway code isemmi l-motociklisti, li jirrikjedu "extra care" jew attenzjoni specjali: "it is often difficult to see motorcyclists… especially when they are coming from behind, coming out of junctions… always look out for them when you are emerging from a junction" (paragraph 187). Il-pubblikazzjoni Driving- the essential skills – successor to the official driving manual, ippubblika mid-Driving Standards Agency tal-Ingilterra, f'pagna 194, iwissi li "Your zone of vision is what you can see as you look forward and to the side from your vehicle. As you approach a junction, your zone of vision onto the other road usually improves. You may need to get very close before you can look far enough into another road to see if it's safe to proceed. The last few feet are often critical. Sometimes parked vehicles (similment fil-każ prezenti kien hemm karozza wieqfa, ghad li mhux ipparkjata, cjoe' dik li cediet lill-imputat biex johrog mit-triq laterali) restrict your view so much that you need to stop and inch forward for a proper view before you emerge. Look in every direction before you emerge. Keep looking as you join the other road. Be ready to stop" (kif fil-fatt ghamel l-imputat fil-każ preżenti).*

*Minn ricerka li ghamlet din il-Qorti, sabet is-sentenza Gasan Mamo Insurance Agency Limited v Anthony Zammit – Qorti tal-Appell, per Onor. Imġallef Philip Sciberras, li fiha side-road user, similment ghal dan il-każ, hareg minn fuq stop-sign fi triq laterali wara li cedietlu vettura fil-main road b'żewg karreggjati singoli f'direzzjonijiet opposti (ukoll bhall-każ odjern) u karozza ohra (mhux mutur bhall-kaz prezenti) ghaddiet aktarx (imma mhux zgur) wrong side tissorpassa lill-karozza li cediet lis-side road user; u saret il-habta:*

*"Bhala fatti, hu stabbilit mill-provi li l-konvenut appellant kien gej isuq fit-triq principali filwaqt li l-attur u assigurat tas-socjeta` assiguratrici attrici kien qed isuq fi triq laterali fuq il-lemin tieghu fejn ukoll kien hemm 'stop sign'. It-topografija tat-triq principali, kif murija fl-iskizz (fol. 24), tindika li din fiha zewg karreggjati, il-wahda konducenti fid- direzzjoni ta' tas-Sliema u l-ohra fiddirezzjoni lejn tal- Balal.*

*Hi din l-ahhar direzzjoni li l-attur Donald Albert Galea jghid fix-xhieda tieghu (fol. 35) li kien intenzjonat jaccedi ghaliha;*

*L-iskizz juri wkoll li l-vettura ta' l-attur kienet qeghda fit-triq principali imma ma kienetx oltrepassat il-linja medjana ta' din it-triq meta sehhet il-kollizjoni.*

*Jindika, inoltre, mid- debris quddiem il-vettura ta' l-attur, l-ispot of impact, kif ukoll tifrik aktar 'il quddiem bejn iz-zewg karreggjati u fejn spiccat il-vettura tal-konvenut wara l-habta;*

*Mix-xhieda, imbaghad, taz-zewg konducenti jirrizulta li fuq in-naha tax-xellug tat-triq laterali li minnha ried johrog l- attur, il-vizwali tieghu kienet ostakolata minn karozza parkeggjata u, skond il-konvenut, anke zewg skips. L-attur jghid li minhabba f' hekk hu htieglu johrog fuq il-main road biex jara ahjar; skond ibnu, Benjamin Galea, li kien passiggier mieghu, "bilkemm niccaqalqu" (fol. 40). Ittnejn li huma, imbaghad, jiddikjaraw li l-konvenut gie "wrong side" filkarreggjata taghhom fil-process li dan kien qed jaghmel sorpass. Il-konvenut jikkontrasta din il-versjoni billi jghid li hu fl-ebda mument ma qabez il-linja medjana tat-triq, ghalkemm jammetti li gibed ghan-nofs meta l-vettura li kienet qed tipprecedih gibdet ghax-xellug biex tidhol fi triq ohra fejn hemm listabbiliment ta' l-Alpine. In kontro-ezami jghid li meta sar l-impatt kien fil-lane tieghu (fol. 66);*

*Premessi dawn il-fatti, b'ri-affermazzjoni tal-principju rakkjuz fis-segwenti silta mis-sentenza riporatata a Vol. XXXII P II p 386, "min ikun isuq karozza u jasal biex johrog fuq it-triq principali ghandu l-obbligu gravi li qabel ma jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfisserx illi min ikun qed isuq fit-triq principali hu dispensat mill-obbligu ta' kull road user li juza d-diligenza mehtiega fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun hiereg fuq it-triq principali huwa innegabilment akbar";*

*Jissokkta jigi spjegat f'gurisprudenza pacifika illi dak l- obbligu tas-side road user jimporta li oltre li jesplora sewwa t-triq, jieqaf ghal kollox wara l-istop sign jew johrog "inching out" u jassigura li t-triq hi libera qabel ma jaccedi fiha. Ara Vol. XLV P I p 389 u "Aldo Cutajar -vs- Charles Magro", Appell Inferjuri, 27 ta' Ottubru, 2000, fost bosta ohrajn;*

*Fermi dawn il-principji, il-Qorti tehtiegilha tezamina f' dan il-kaz liema wahda mill-manuvri taz-zewg konducenti - il- hrug fuq it-triq principali mill-attur jew l-allegat sorpass u invazjoni tal-karreggjata da parte tal-konvenut - kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni;*

*Mill-indikaturi li jaghmel l-iskizz - prova din in kwantu newtra, ferm aktar importanti mix-xhieda tal-kontendenti - jassumu rilevanza l-ispot of impact senjalat mid-debris u l- entita` tad-daqqiet li ssubew iz-zewg vetturi. Dawn flimkien huma determinanti ghall-fini tar-responsabilita` in kwantu juru lposizzjoni tal-vetturi*

*immedjatament qabel il- habta. Huwa effettivamentcindikattiv illi l-kollizjoni saret fil- karreggjata li fiha kien qed jaccedi l-attur.*

*Jekk xejn iz- zewg fatturi juru l-konvenut appellanti kien qabez il-linja medjanacu dan jikkorrobora u jsostni l-versjoni ta' l-attur illi l-appellanti kien qieghedctabilhaqq jaghmel sorpass;*

*L-appellanti jissottometti illi l-attur ma kellu ebda jedd jassumi li l-karreggjatacli fiha ried jidhol kienet accessibbli ghalih. Dan sa certu punt huwa veru tant li lprincipju jimponi fuq side road user grad ta' diligenza ferm gholja u akbar minncdik tal-main road user. Ciononostante, kif drabi ohra ritenut, hu wkoll principju li "il-main road user m' ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user" ("Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966). Hekk gie stabbilit ukoll illi "min ikun sejjer jaghmel sorpass ghandu l-obbligu li ma jesegwix dik il- manuvra hlief wara li jkun accerta ruhu li l-vizwali tippermettilu u li jista' jaghmilha minghajr perikolu ghalih u ghal road users ohra" ("Paolo Gauci -vs- Francis Frendo et, Appell Civili, 28 ta' Gunju 1974);*

*Mir-rakkont moghti mill-appellat ma jirrizultax li dan ma segwiex l-obbligi dettati mill-principju rikjamat mill- appellant jew li ma hax il-prekawzjonijiet opportuni. Hu waqaf fuq l-istop sign, sab ruhu konfrontat bid-dilemma talvettura parkeggjata fuq ix-xellug tieghu, u hareg "bilkemm jiccaqlaq" ghal fuq il-karreggjata li taghti fid-direzzjoni fejn ried imur biex, fi kliemu stess, ikollu "vizwali tajba". Din il-manuvra tieghu, fil-hsieb tal-Qorti, timporta li hu agixxa b'dik il-prudenza u diligenza mistennija minn bonus pater familias. F' sitwazzjoni tali, kif deciz fil-kawza riportata a Vol. XLVII P I p 207, "ma jistax ikun hemm negligenza, lanqas kontributorja, jekk ma jkunx hemm kolpa fissens ta' imprudenza jew negligenza materjali u kawzativa (sottolinejar tal-Qorti) fis-sens tal-ligi";*

*Fuq l-apprezzament taghha tar-rizultanzi processwali l-ewwel Qorti korrettement inklinat lejn il-versjoni ta' l-attur appellat. Fuq ir-ri-ezami taghha ta' l-istess rizultanzi din il- konkluzjoni hi kondiviza minn din il-Qorti u ghalhekk ma ssibx raguni biex takkolji l-aggravju kif sottomess.*

*Din il-Qorti sabet ukoll is-sentenza Raymond Azzopardi v Denise Buhagiar, Qorti tal-Appell (Superjuri) 16.12.2004 – Imhallfin Vincent De Gaetano President, J.D. Camilleri, u Joseph A Filletti, li fiha l-fattispecje jixbhu iktar mill-qrib dawk talkawża preżenti:*

*Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li kellha quddiemha l-ewwel Qorti u ma tara li hemm ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba lapprezzament ta' fatt milhuq minn dik il-Qorti fir-rigward tad-dinamika ta' kif sehh l-incident, u cioe`*

*li l-attur effettivament invada l-karreggjata opposta biex jissorpassa, u li l-habta grat unikament minhabba nuqqas ta' attenzjoni da parti tal- istess attur… Pero` anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument, il-habta sehhet fil-karreggjata tal-vetturi telghin it-tela' – u mhux fil- karreggjata opposta – din il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma li l-habta sehhet unikament minhabba nuqqas ta' attenzjoni u prudenza da parti li huwa kien qed jissorpassa b'mod regolari… Meta si tratta ta' karreggjata wahda flistess direzzjoni, bhalma kien il-kaz odjern, sorpass ifisser li l-vettura li tkun wara vettura ohra (irrispettivament minn jekk wahda hix motorcycle u l-ohra karozza) taqbez lil dik ta' quddiemha biex tiehu postha quddiem dik il-vettura li tkun hekk inqabzet. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda manuvra ta' sorpass f'dan is-sens, izda kien hemm semplicement manuvra min-naha ta' l- attur (u possibilment anke siehbu iehor li kien fuq mutur iehor warajh) "to jump the queue" tal-vetturi li kienu telghin bil-mod it-tela' tax-Xemxija billi joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li kien tiela f'karreggjata wahda li suppost tiehu linja wahda ta' traffiku u mhux tnejn. Huwa ghalhekk li l-attur jghid – ara d-deposizzjoni aktar 'l fuq riportat – li huwa kien qed isuq fil-"lane" tieghu pero` fuq in-naha ta' barra ta' dak il-"lane". Huwa ghalhekk ukoll li huwa ma ndunax bl-iSkoda li kienet waqfet ghax ma kienitx l- intenzjoni tieghu li jsib postu quddiem din il-karozza izda li jibqa' jsuq parallelament mas-serbut talkarozzi, hafna minnhom weqfin. Din hija prassi, specjalment fejn si tratta ta' motorcycles, sfortunatement prevalenti hafna izda li pero` hija wkoll perikoluza hafna. Sewwieqa ta' motorcycles ghandhom jiftakru li proprju minhabba d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura taghhom, huma anqas vizibbli minn karozza, u meta joholqu "flow" ta' traffiku parallel ghal dak li jkun ghaddej minn karreggjata singola ikunu qed jirriskjaw li jahsdu kemm vetturi li jkunu sejrin flistess direzzjoni kif ukoll vetturi li ghal xi raguni jkollhom jaqsmu dik ilkarreggjata. Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti hi sodisfatta, bhalma neccessarjament kienet l-ewwel Qorti, li l-konvenuta hadet il-prekawzjonijiet kollha li c- cirkostanzi kienu jiddettaw qabel ma qasmet il-karreggjata u waqt li qed taqsamha, mentri l-attur kien imprudenti meta, galadarba kien jaf li kien hemm it-triq sekondarja, ma qaghadx attent ghall-fatt li vettura partikolari – liSkoda – kienet waqfet. Il-konvenuta ma ratx il-motorcycle tal- attur mhux ghax naqset milli tara dak li kien "in plain view", izda proprju ghax il-motorcycle talattur ma kienx jidher sew bil-mod kif kien qed jinsaq flimkien mal-karozzi li kien hemm prezenti. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet fattwalment u legalment korretta fil- konkluzjoni taghha."*

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti processwali, mir-ritratti ezebiti, mis-*CCTV recording* u fid-dawl tal-gurispurdenza fuq kwotata, jirrizulta li l-imputat kien qed isuq fuq il-karreggjata l-

hazina meta sehh l-impatt ma' Lewis Gauci, li kien gej minn *side street* li kellha sinjali li jindikaw *stop,* kif ukoll mera fil-faccata tal-istess triq. Id-difiza tistrieh fuq il-fatt li l-imputat kien il-*main road user,* u ghalhekk, il-parte civile kellu obbligu ikbar li tuza dik il-*proper look out* qabel tidhol fil-*main road.* Il-Qorti tqis li l-fatt li l-imputat kien qed juza triq principali, ma jintitolax lill-istess imputat li jqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni skabruza jew difficli biex jirreagixxi ghall-emergenza li tista' tinholoq. Bhal ma ntqal ripetutament, flok karozza jew vettura ohra, jista' jkollok tarbija jew persuna hu min hu, li ma tkunx forsi f'pozizzjoni li tirreagixxi malajr biex twarrab mill-via tieghek.

Jirrizulta li l-kawza prossima tal-incident, kien is-sewqan tal-imputat li kien qed isuq fil-karreggjata l-hazina tat-triq, u mhux fin-nofs tat-triq kif xehed. Dan jirrizulta mill-filmat tas-CCTV ezebit. Mill-banda l-ohra, il-Qorti tqies ukoll li l-parte civile, ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji meta gie biex johrog minn triq sekondarja ghal triq principali, u jirrizulta wkoll li ma kellhux il-*proper lookout* li huwa rikjest li ghandu jkollu, altrimenti kien jinduna li kien gej l-imputat minn tali karreggjata, in vista tal-vettura wieqfa bil-*puncture* li kien hemm fl-istess triq. Illi ghalhekk, il-parte civile ukoll naqas mill-obbligu tieghu li jassigura ruhu, li qabel jixref fuq it-triq principali, ikun cert li ma kienx ser ikun ta' xkiel ghall-vetturi misjuqa fuq it-triq principali. Dan iktar u iktar, in vista tal-hajt li kien hem, u li minhabba fih, l-istess parte civile kellu jixref aktar 'il barra minnu biex ikun jista' jara x'vetturi jkunu gejjin fit-triq principali.

Illi kif gia' gie ritenut f'sede kriminali, kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu, indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat u Lewis Gauci, jistghu jitqiesu li bl-agir taghhom, ikkontribwew b'mod ugwali (50-50) ghall-akkadut. In vista tal-element sostanzjali ta' negligenza kontributorja da parti tal-vittma ghall-akkadut, il-Qorti sejra tikkonsidra tali element ta' kontributorjetà meta tigi biex tiddeciedi dwar il-piena li ghandha tigi moghtija lill-imputat.

Illi fir-rigward tal-griehi sofferti mill-parti leza, il-Qorti tinnota li x-xhieda li gejjin mill-qasam mediku, jaghmlu riferenza ghall-fatt li l-parti leza sofra griehi ta' natura gravi per durata. Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004, fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghallgudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".*

Il-Qorti tinnota li jirrizulta bl-aktar mod car mix-xiehda mismugha minnha, li l-griehi sofferti minn Gauci, kienu griehi ta' natura gravi tant li kellu, fost l-ohrajn, fratturi tal-ghadam tal-wicc. Filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti izda tinnota, li ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat jekk l-offiza kkagunata fuq Gauci, iggibx il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, però li huwa zgur huwa li l-offiza in kwistjoni, hija wahda ta' natura gravi.

Finalment, il-Qorti tqis tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 30 u 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni mressqa fil-konfront tieghu, u tikkundannah multa komplessiva ta' elf Euro (€1,000). Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputat ghal zmien xahar, li jibdew jiddekorru minn-nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Magistrat Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Registratur